# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru 40/79

Koz Nru 44

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Alfred Pullicino
u
Messrs Jodic Limited
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Chairman: G A Craig

Data: 23 ta' Marzu, 1979.

B'ittra tas-26 ta' Jannar, 1979, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferit lil- dan it-Tribunal taht id-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg ta' Alfred Pullicino mil-kumpanija Messrs Jodic Limited, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba seduti li fihom deher ghal Alfred Pullicino is-Sur Salvino Spiteri u l-Kumpanija kienet rapprezentata min Mrs Alina Vella Personnel Administrator ta' l-istess Kumpanija mghejuna mis-Sur V Gatt, Production Manager. F'dawn is-seduti instemghu bhala xhieda ghall-appellant: Dr. Godwin Muscat Azzopardi, LL.D., Alfred Pullicino,(l-appelant), Vincent Gatt, (Production Manager tad-Ditta), Mrs Alina Vella (Personnel Administrator tal-Kumpanija) u Joseph Bonello waqt li ghal-Messrs Jodic Limited instemghu. Arthur Darmanin, Giovanni Fabri, Alfred Azzopardi, Joseph Bonello, Aldo Pace u Vincent Gatt.

3. "Statements of Case" Ghal-appellant gie sottomess li l-appellant kien il-president tal-Union tal-Haddiema tal-kumpanija u kien li 'spokesman' tal-haddiema mal-Management u ghalhekk ta' bil fors ma kienx jidher sabieh. L-appellant gie mkecci b'ittra tal 20 ta' Settembru, 1978, hi procedura li tmur kontra kemm il-kelma kif ukoll l-ispirtu tal-ftehim kollettiv u ghalhekk it-terminazzjoni ta' l-impieg ta'

/......

/.......

l-appellant ghandha titqies li ma kienitx valida. Fuq kollox ma ' l-appellant, sostna is-Sur Salvinu Spiteri, saret diskriminazzjoni serja ghax impjegat iehor li nqabad ' 'attwalment' ipejjep, inghata twiddiba biss. Sostna ukoll li l-Management beda ifittex xi raguni biex jehles mill-appellant ghaliex dan kien jaqbez ghal-haddiema u seta ghal-hekk ikun ta' tfixkil ghal dak kollu li ried jaghmel il-Management.

4. Il-kastig ikun dejjem relatat mal-htija u t-tkeccija kif kellu jghid hafna drabi it-Tribunal, kellha tkun biss fuq haga serja. L-appellant ma kiser qatt ebda parti tal-ftehim kollettiv u c-cirkolari li hareg il-Management, mhux bi ftehim jew konsultazzjoni mal-union ma setghet qatt tigi kkonsidrata li tifforma parti mill-ftehim kollettiv - anzi l-Union hadet azzjoni kontra dan l-agir tal-Management.

5. Ghal-Kumpanija, Mrs Alina Vella, issottomettiet illi dak li wassal ghat-tkeccija ta' Alfred Pullicino kienet l-insubordinazzjoni ta' dan l-impjegat u dan kif jidher mir-rapport tas-Security Officer tal-20 ta' Settembru 1978, rapport iehor tal-Production Manager tal-20 ta' Settembru, 1978, ic-'Charge' ta' l-20 ta' Settembru, 1978, l-incident tal-ksur tar-regolamenti tal-Kumpanija u l- Collective Agreement, indixxiplina kif jidher min dokument esibit li jgib id-data tat-13 ta' Lulju, 1978 u min dikjarazzjoni mill-appellant stess maghmula fis-16 ta' Gunju, 1978.

6. <u>Xhieda fil-qosor</u> Dr Godwin Muscat Azzopardi, l-avukat tal-Union tal-haddiema, qal li peress li hu kien involut ghat-tfassil tal-ftehim kollettiv u fil-procedura ta' dixxiplina u x'kellu jsir fil-kaz ta' temm ta' impieg, hu kien ta' mportanza kbira. Wara li kien gie iffermat il-ftehim kollettiv il-Management hareg cirkolari li tillimita t-tipjip fil-fabbrika taht certi kondizzjonijiet u din ic-cirkolari il-Union ikkontestatha ghal diversi ragunijiet; wahda ghax l-impjegati stess hassewha ristrettiva izzejjed u l-ohra ghax fil-Collective Agreement' kien miftihem mal-Management li kwalunkwe tibdil fil-kondizzjonijiet ta' l-impieg kellhom isiru b'konsultazzjoni mal-Union. Dan ma sarx fil-kaz tal - hrug ta' din ic-cirkolari u l-Union ghalhekk ma setghetx

/......

/..........

taccettaha u gharrfet lil-Management minnufieh f'dan is-sens u ntalbet laqgha urgenti mal-Management minhabba li kien hemm ferment shih fost il-membri. Saret xi laqgha jew tnejn u ma ntlahaq ebda ftehim ghax il-Management sostna li kien hemm bzonn ta' izjed 'security', ghaliex kienu nsterqu xi djamanti. L-Union ikkontendiet li dan is-serq ma kellux x'jaqsam mal-fatt li wiehed idahhal pakkett sigaretti u ghal-hekk ma kienetx taghmel sens.

7. Dan apparti mil-fatt ta' nuqqas ta' konsultazzjoni, u tahdidiet xierqa mill-Management meta ried jghid li l-'kwistjoni' tat-tipjip ma kienitx kondizzjoni ta' l-impieg', u gie registrat nuqqas ta qbil. Inqas biss ma accetta l-Management li tigi sospiza temporanjament. Ghalhekk il-Union kienet hadet azzjoni industrijali ta' 'strike' ta jumejn u l-Management sakkar l-impjegati barra. Izda l-Union baqghet tikkontesta c-cirkolari. Ix-xhud qal ukoll li s-Sur Farrugia li kien Managing Director dak iz-zmien u li kien jitkellem mieghu fuq il-kwistjonijiet li kienu jinqalghu li, bi ftehim, gew evitati problemi kbar. Kien qallu li hu (is-Sur Farrugia) kellu pressjoni mil-Board tal-Kumpanija biex inaqqas in-nies u li l-mod li xtaq hu kien li xi 'trouble makers' jirrezinjaw u ma jmorrux il-'Labour Office' jew jaslu quddiem it-Tribunal fuq tkeccija ngusta. Hu semmielu li l-ewwel wiehed li jrid imur kien l-appellant Paul Pullicino. Ix-xhud zied jghid li kemm ilu jaf lill-appellant, hu dejjem sabu ragel ta' maturita' u responsabbilta', u ta' esperjenza fil-kamp ta' Tradejunizmu. Fuq kontro-ezami, mistoqsi jekk fil-fehma tieghu bic-cirkolari ta' l-10 ta' Awwissu imbidlux il-kondizz-jonijiet ta' l-impieg, ix-xhud wiegeb fl-affirmattiv u ta ragunijiet.

8. <u>L-appellant, Alfred Pullicino</u>, qal li hu kien impjega ruhu mal-Kumpanija minn Settembru, 1977 fuq prova u gie accettat ghax wara seba xhur kien ga lahaq l-produzzjoni li kellu jilhaq wara sena. Qal li qatt ma kellu rimarki fuq produzzjoni u kien dejjem ha 'production bonus', u li hu kien gie elett b'vot sigriet biex jirraprezenta l-haddiema tas-'section' tieghu. Qal li gie mkecci fl-20 ta' Settembru 1978, ghax kellu zewg pakketti sigaretti sigillati u ma rieduhx jidhol bihom fil-

/........

'working area'. Ghal din l-ordni hu staqsa fejn kien jghid hekk il-'Collective Agreement', dan staqsieh kemm lis-Security Officer ,is-Sur Azzopardi,kif ukoll lis-Sur Gatt, il-'Production Manager', izda dan ma riedx jaf u qallu li jekk ma jaghmilhomx fil-locker ma kienx ser ihallieh jidhol fil-fabbrika. L-appellant talab biex jara lid-Direttur, is-Sur Farrugia, u wara xi zmien is-Security Officer mar qallu li s-Sur Farrugia baghat jghidlu li ma kellux ghalfejn ikellmu. Ix-xhud qal ukoll li kellu incident iehor meta hu, bhala President tal-Union u spokesman tal-haddiema, kellu tabilfors imur ghand is-sur Gatt, wara li haddiem kien ga mar kellem lil Mrs Vella fuq xi nuqqas fil-production bonus. Kien mar kellem lis-Sur Gatt fuq din il-haga u wara li kien mar f'posthu kien mar is-Sur Fabri u qallu, "Qallek is-Sur Gatt poggi bil-qeghda u tqumx min postok". L-appellant qal li kien staghgeb, wahda ghax meta qam biex mar ga kellu il-permess tas-Supervisor, u l-ohra ghax kien ghadu gej min hdejn is-Sur Gatt. Barra minn hekk, skond il-Collective Agreement, hu kellu din il-facilita'. Semma incident iehor li kien jinvolvi lis-Sur Gatt, meta mar ikellmu fuq l-istess sugget,u ftit wara ghajjatlu [illegible]lu is-Sur Farrugia u qallu, "Int min tahseb li int? X'awtorita ghandek li tghajjar lis-Sur Gatt giddieb?". - Ix-xhud qal ukoll li dak il-hin hu ma felahx u qabad jibki u kompla jsostni li mhux veru anzi hu kien qal biss "lili ma jgiddibni hadd," kif fil-fatt qal is- supervisor li kien hemm izda, sa fejn kien jaf l-appellant, dan l-incident spicca b'wicc il-gid ghax hadu b'idejn xulxin. Ix-xhud qal ukoll fuq it-trattament kif hu gie mkecci. Hu rcieva ittra fl-20 ta' Settembru, 1978, wara li is-Security Officer kien ga qallu "qaltlek Mrs Vella mur id-dar u tigix qabel ma jiddecidi l-Bord tad-Diretturi", u kien ghax staqsa ghaliha bil-miktub li rcieva ic-'charge' fejn kien mitlub li jaghti spjegazzjoni sa l-ghada talli kiser ir-regolament stabbilit bic-cirkolari ta' l-10 ta' Awwissu, 1978. Qal ukoll li l-ghada hu ha personalment l-ittra ta' risposta izda inqas ma hallewh jidhol u qalulu biex joqghod

/.........

jistenna barra u mbaghad ghal xit-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar mar is-Security Officer fuqhu u qallu, "Hawn din l-ittra, din tridna nibghatilek bil-posta jew tohodha int?", u dana ħadha. Din kienet l-ittra ta' tkeccija. In-kontro-ezami x-xhud qal li hu gili pejjep fit-toilets meta kellu bzonn jaghmel uzu mit-toilets ghaliex skond il-ftehim kollettiv ma setghax ipejjep biss "inside the working area" u qatt ma mar fit-toilet minghajr ma ha permess.

9. Vincent Gatt - Production Manager mal-Kumpanija qal li l-appellant kien qal,"lili ħadd ma jista' jghidli giddieb". In-kontro-ezami x-xhud ippreciza l-ghala certu incident ma ftakrux ezatt ghax bdew iħalltu erba affarijiet f'daqqa.Semma ukoll il-ghadd preciz ta' nies li telqu minn mal-Kumpanija min rajhom u r-ruzultat tajjeb li kien inkiseb wara li ttieħdu certi 'security measures' f'Ottubru, 1978. Qal ukoll li impjegat ieħor, certu Vella, kienu terminawlu l-impieg "minħabba l-production u minħabba li ma riedx ineħħi s-sigaretti min fuqu,", u dan biex juri li ma kienx hemm diskriminazzjoni bejn l-appellant u dan l-impjegat.

10. Mrs Alina Vella - Personnel Administrator mal-Kumpanija qalet li taqbel li l-appellant gie mkecci fuq ir-rapporti li kienu ghamlu s-Security Officer u l-Production Manager, izda ittieħdet ukoll konsiderazzjoni ta' l-imgieba tas-Sur Pullicino qabel. Qalet ukoll li hi kienet taqbel li l-Collective Agreement ma ħassarx ir-Regolamenti tal-kondizzjonijiet tax-xoghol u li fil-fehma taghha ma kienx hemm konflitt bejn it-tnejn. Qalet ukoll li meta tneħħa warning fuq indixxiplina, dan kien bħala turija ta' rieda tajba.

11. Arthur Darmanin - Superintendent mal-Kumpanija ikkonferma il-kontenut tar-rapport tieghu li fit-18 ta' Lulju, 1978, ra lil-appellant gej mid-direzzjoni tas'sawing Department' fis-2.00p.m. u qallu biex jibqa fuq il-bank tieghu u ma jigriex 'l ħawn u 'l hemm. Zied jghid li ma jiftakarx sew jekk l-appellant kienx spjegalu li mar biex jirranga 'finger', li l-appellant dejjem iccaqlaq bil-permess tieghu u li xi drabi bghatu s-superintendent biex ikellem lil-ħaddiema meta kien hemm bzonn imħabba xi storbju. Ikkonferma wkoll li

l-appellant kien haddiem tajjeb ghal dak li kienet produzzjoni.

12. Vanni Fabri - Superintendent mal-Kumpanija, ikkonferma l-incident tat-13 ta' Lulju, meta fuq ordni tas-Sur Gatt, hu mar jghid lill-appellant biex joqghod f'postu u dan irrispondih.

13. Alfred Azzopardi. Security Officer mal-Kumpanija, ikkonferma l-kontenut tar-rapport li kien kiteb fl-20 ta' Settembru 1978. Qal li l-haddiema sa fejn kien jaf hu ma segwewx id-direttiva li kienet harget bic-cirkulari ta' l-10 t'Awissu 1978 u inqas wara 20 ta' Settembru u kien hemm biss "xi" haddiema li uzaw il-kamra tieghu biex ipejjpu fiha. Gieli qabad l-Pullicino ipejjep waqt il-hin tax-xoghol u ma kienx ikun wahdu u li sakemm harget ic-cirkulari ta' l-10 t'Awissu l-haddiema setghu igorru sigaretti fuqhom. Mistoqsi kellux okkazzjoni josserva b' liema mod effettwa l-haddiema n-Notice tal-10 t'Awissu 1978, wiegeb li hu ffranka x-xoghol u l-haddiema qatt ma pejjpu. Ftakar li hu jaf li Pullicino darbtejn kiser ir-regolamenti tal-Kumpanija, darba meta kien gie tard u l-ohra meta hareg minghajr ma ta ragunijiet izda qal "minn naha tieghi meta ghidtlu xi haga obda ..." Fuq l-incident ta' l-20 ta' Settembru, ix-xhud qal, "dakinhar hu stess ghajjatli u qalli li ghandu s-sigaretti fuqu ... hadtu fl-inspection room u kellu zewg pakketti sigaretti wiehed kien maghluq u l-iehor kien maghluq ukoll"... Is-Sur Gatt naturalment talbu biex inehhiehom u jitfaghhom fil-locker, is-Sur Pullicino talab li jara lid-Direttur u s-Sur Gatt qallu, "issa jarak meta jkun jista'. Imbaghad qaghad jistenna fis-Security Room u meta gie d-Direttur qallu li hu 'suspended'. Mr Pullicino riedha bil-miktub, u jiena stess mort ghidtlu li s-Sur Pullicino jridha bil-miktub. Dam hafna jistenna dakinhar u mbaghad meta giet l-ittra tajtielhu."

14. Joseph Bartolo - Diamond Cutter mal-Kumpanija qal li dak inhar ta' l-20 ta' Settembru, l-appellant kellu zewg pakketti sigaretti sigillati, li qatt ma ra l-appellant ipejjep fil-'working area', li f'waqt l-overtime il-haddiema kienu jpejjpu anki fil 'working area' dan sa l-20 ta' Settembru ghax is-Sur Gatt qalilhom li ma jistghux ipejjpu mhabba t-tkeccija tas-Sur Pullicino. Lill-appellent qatt ma rah ipejjep waqt il-hin tax-xoghol. Dan ix-xhud kien jahdem fl-istess bank quddiem l-appellant.

15. Aldo Pace - Supervisor mal-Kumpanija, kkonferma l-kontenut tar-rapport li hu kien ghamel fit-18 ta' Lulju, 1978, lis-Sur Gatt.

16. Sottomissjonijiet finali - Is-Sur Salvinu Spiteri ghall-appellant issottometta dawn il-punti ghal konsiderazzjoni tat-Tribunal:

(i) li fl-ebda hin il-parti l-ohra ma kkontestat li ma gietx segwita l-procedura stabbilita fil-Ftehim Kollettiv; kif saret hesrem it-tkeccija mhux biss tmur kontra l-Ftehim Kollettiv imma anki kontra l-prattika illum accettata f'setturi ohra tax-xoghol inkluz,il-Gvern;

(ii) li mix-xhieda li kellu it-Tribunal quddiemu hareg car li l-Management ried jehles mill-appellant (xhieda ta' Dr Muscat Azzopardi); weza skuza ta' 'warning' li skond l-ftehim kollettiv kien waqa; deher car li l-appellant kien korrett fir-relazzjonijiet tieghu, (xhieda Arthur Darmanin); kien tajjeb fuq x-xoghol tieghu; dejjem ha l-production bonus; jghin bis-shieh biex ir-relazzjonijiet bejn il-haddiema u l-Management ikunu kemm jista' jkun tajbin. Ma giet ippruvata l-ebda htijja ta' insubordinazzjoni min-nahha tal-appellant u riedu minflok jixhtu dellfuqu fuq affarijiet li minnhom l-appellant hareg b'wiccu min quddiem bhall-kaz ta' l-24 ta' April, 1978, meta l-Management stess nehha 'charge' ta' indixxiplina kontra l-appellant, meta darb'ohra l-Managing Director hass,u bil-miktub ta' ordni,li l-ebda passi ma kellhom jittiehdu kontra l-appellant; anki l-incident mas-Sur Gatt u dak kollu li hareg mix-xhieda;

(iii) li l-Management falla li jipprova li kien hemm tassew insubordinazzjoni, li kien hemm xi haga serja li timmerita tkeccija, li kien hemm hsieb serju min-nahha tal-Management biex jittratta l-kaz ta' l-appellant. L-ghaggla li biha saret it-tkeccija kienet indikazzjoni liema xewqa kbira kellha l-Management biex tehles mill-appellant mill-aktar fis possibbli.

17. Is-Sur Salvinu Spiteri ittratta l-kaz ukoll ta' dakinhar ta' l-20 ta' Settembru meta l-appellant minn rajh qal lis-Security Officer li kellhu s-sigaretti fuqu. Dan la kien ipejjep fil-working area bhal ma kien haddiehor li hafrulu u ohrajn, la kien qed imur kontra dak li kien gie miftiehem mal-Kumpanija fil-ftehim kollettiv, u inqas mir-regolamenti li kien hemm qabel il-ftehim kollettiv, izda biss kontra cirkolari mahruga mill-Management minghajr konsultazzjoni mal-Union li opponiethha u hadet azzjoni industrijali fuqha. Anki kieku biss, il-ksur kien zghir u l-htija zghira zgur li ma kienetx wahda li timmerita tkeccija.

18. Is-Sur Salvinu Spiteri ghamel referenza ukoll ghad-decizjonijiet tat-Tribunal kemm f'kaz analogu u kemm f'kazi ohra biex juri kemm wiehed ghandu jara li jekk fil-kaz kien hemm htija, l-piena ghandha tkun biss relatata mal-htija izda sostna li billi ma kienx hemm htija, insista li t-Tribunal jordna li l-appellant jerga' jiehu lura postu fil-Kumpanija u thallsu l-paga u l-imghax mid-data tat-tkeccija.

19. Is-Sinjura Alina Vella ghall-Kumpanija issottomettiet:

(i) Li l-Management wera bic-car li ma riedx ikecci lil Alfred Pullicino izda ried li wara li ghallmu sew jzommu mieghu.

(ii) Li l-appellant ma giex imkecci ghaliex hu ma kienx irid jissottometti ruhu ghall-awtorita' ta' min imexxi l-fabbrika Jodic Ltd., li x-xoghol taghha hu l-ipprocessar tad-djamanti, u ghalhekk kellu ikun hemm mizuri stretti ta' 'security'. Ghalhekk il-Management kellhom jiehdu hsieb li affarijiet li jistghu jkunu ta' tentazzjoni kellhom jigu evitati.

20. It-tipjip kellu jigi evitat mhux biss imhabba 'security' imma wkoll ghax hu fizikament impossibbli li wiehed haddiem li jpejjep jista' juza idejh it-tnejn. Din il-projbizzjoni kienet hemm mill-bidu u ghadha hemm u l-ftehim kollettiv ma ghamel ebda abrogazzjoni ta' kondizzjonijiet li kienu jezistu qabel.

21. Il-kaz kellu jigi trattat biss fuq ir-raguni l-ghala is-Sur Pullicino tkecca. Dan sar imhabba insubordinazzjoni. Ma saret ebda diskriminazzjoni u kien hemm min tkecca ghall-istess raguni, l-appellant kien qed juri li hu ma riedx joqghod ghal dak li jghid il-Management bhal incidenti meta:

(a) hu ma riedx jaccetta ittra;
(b) wasal tard ghax-xoghol;
(c) wera disrespett ghal haddiem ghola minnu;
(d) incidenti ohrajn li ssemmew waqt it-trattazzjoni u
(e) li kien hemm aktar min tlett warnings.

Sostniet li meta wiehed irid jikkontrolla madwar mitejn haddiem kien ta' bilfors li ried ikun hemm mizuri ta' dixxiplina u dawn kellhom johorgu mhux mill-impjegati izda mill-Management u meta tidhol kwistjoni ta' 'security il-Management ma ghandu ihalli lil hadd jindahal. Kienet tal-fehma li l-Management ghandu kull gustifikazzjoni ghal kull pass li ittiehed f'dan ir-rigward, imma wkoll meta hemm nuqqas ta qbil hemm il-mezzi kif l-haddiema setghu jivventilawhom.

22. Mix-xhieda dak li sostna l-Management gie ppruvat u in-nahha l-ohra ippruvat biss ticcensura l-kumpanija u mhux tiddefendi l-appellant. Sostniet li l-kaz tal-Kumpanija gie ppruvat.

23. <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u> Il-Kumpanija, kif jidher car hafna mill-istatement of case taghha, kecciet lil Alfred Pullicino imhabba "wiri ta' insubordinazzjoni min-nahha ta' dan l-impjegat". Din it-terminazzjoni ta l-impieg giet bazata fuq:

(i) l-incident tal-20 ta' Settembru, 1978;

(ii) incidenti ta' indixxiplina bhal dawk tat-13 ta' Lulju, 1978, 16 ta' Gunju, 1978 u iehor ta' April, 1978;

izda deher car ukoll li kien l-incident ta' l-20 ta' Settembru u mhux incidenti oħra, li kienet ir-raguni principali li fuqha ittieħdet id-decizjoni li l-appellant jitkecca. It-Tribunal għalhekk kellu ta' bilfors jifli bir-reqqa dan l-incident u jizen anki ic-cirkostanzi kollha ta' dan l-incident. L-incidenti l-oħra anki kieku gew pruvati jew ma gewx maħfura, zgur ma kienux bizzejjed li fuqhom jigi mkecci bniedem.

24. L-istorja ta' l-incident ta' l-20 ta' Settembru, 1978, tibda bil-ħrug tac-cirkolari Nru 9 maħruga mill-Management fl-10 ta' Awwissu 1978 fuq it-'Tipjip'. L-ewwel paragrafu kien jgħid hekk:

> 'Taħt ebda cirkostanza m'għandhom l-impjegati jitħallew idaħħlu gol-"workshop" pakketti tas-sigaretti, suffarini, jew ta' xi forma oħra ta' tipjip. Waqt ħin tax-xogħol dawn għandhom jitħallew fil-lockers.'

U wara jkomplu r-regolamenti ristrettivi.

25. Fuq din ic-cirkolari li nħarget wara li kien ilu li gie ffirmat il ftehim kollettiv inqala xi inkwiet mal-Union. Fuq dan it-Tribunal mhux ser jidħol, biss, il-Union tidher li ddejqet primarjament għalhiex ma gietx konsultata meta dawn ir-restrizzjonijiet kienu jolqtu direttament lill-ħaddiema, u għalhekk l-Union ma setgħetx taccettaha, specjalment meta hemm klawsola fil-ftehim kollettiv li tgħid li kwalunkwe tibdil fil-kondizzjonijiet tal-impieg għandhom isiru in konsultazzjoni mal-Union. Anki kieku ma kienx hemm din il-klawsola, huwa dejjem tajjeb li dan isir biex jinzammu relazzjonijiet tajbin. L-appellant kien il-President tal-Union.

26. Hareg car ħafna mix-xhieda ta Alfred Azzopardi, is-Security Officer, li dakinhar ta' l-20 ta' Settembru, 1978, kien proprju l-involut stess, Alfred Pullicino, li mar qal lis-Security Officer li kellu fuqu sigaretti, u dan wiegbu,

"Issa la qed tgħidli ser ikolli nieħu azzjoni", kif fil-fatt għamel kif jidher mir-rapport tiegħu ta' dakinhar stess u r-rapport l-ieħor tal-Production Manager li jġib l-istess data.

27. It-Tribunal ma għandu l-ebda raġuni biex jaħseb li l-appellant mhux f'sensieh u li dan il-ġest għamlu biex jiġi mkeċċi jew bi sfida għal Management. Izjed dehret li kienet protesta simbollika għax mar proprju hu għand is-Security Officer, u l-appellant kien jaf wisq tajjeb li dan ser joħodomlu. Il-ġest ma deherx "apposta biex jikser regolament serju". Fil-fatt fl-ittra ta' l-appellant lil Mrs Alina Vella, Services Manager tal-Kumpanija, dan gie spjegat kollu u ċ-ċirkostanzi itendu li l-ispjega li ta l-appellant wieħed għandu jemminha.

28. Izda jidher li l-appellant lil-Bord tad-Diretturi ma kkonvinċiehx u mingħajr ma tawh il-faċilitajiet li hemm mfissrin fil-Collective Agreement, b'ċerta għaġġla liema bħala, waslu biex jikkonfermaw it-terminazzjoni ta l-impieg li kienet ġa ttieħdet fil-jum ta' qabel mingħajr ma biss kienu semgħuh, u mingħajr biss ittieħdu il-proċeduri kollha mnizzla fil-ftiehem kollettiv.

29. L-appellant kellu 'charter' li fuqu kellu jimxi. Dan għalieh kien il-ftehim kollettiv u mill-ewwel hu staqsa liema parti tal-ftehim kollettiv hu kien qed jikser. Huwa fatt li skond il ftehim kollettiv "the conditions and regulations contained in the leaflet entitled 'Jodic Limited - Kundizzjonijiet u Regolamenti għall-impjegati kollha ' which is issued by the Company to each employee shall remain effective and applicable to all employees, insofar as they are not specifically rescinded by this agreement" (para 6 (II) ) izda l-kundizzjonijiet ta' l-10 ta' Awwissu, 1978, kienu kondizzjonijiet ġodda għalkollox, u ġew wara u mhux qabel l-iffirmar tal-ftehim kollettiv.

/.........

30. Anke ic-cirkolari hija intitolata "Tipjip" u tbiddel dak li kien miftihem fil-ftihem kollettiv u ghal dan l-Att il-Union ma gietx konsultata. Fuq kollox il-fatt li kellu fuqu zewg pakketti sigaretti ssigillati u minghajr ma kellu suffarini u li mar hu stess jiddenuncja dan lis-Security Officer, jidher bic-car li dan ma kellux f'rasu biex ipejjep izda li jipprotesta biss. Zgur li hatt ma jixtieq li tigi il-gurnata meta president ta' Union talli b'att ta protesta pacifika, li ma kien ser jaghmel hsara lil-hadd bih, jigi imkecci minghajr biss jghatuh almenu l-beneficcju tal-procedura shiha li hemm mnizzla fil-ftehim kollettiv.

31. It-Tribunal dahal ukoll fiz-zewg kazi msemmija fl-istatement of case bhala kazi li ittiehdu ukoll konsiderazzjoni taghhom biex id-Diretturi waslu biex jitterminaw l-impieg ta' l-Appellant. Anki dawn, fil-fehma tat- Tribunal, ma kienux affarijiet serjissimi u kienu gew ga ittrattati fiz-zmien li graw.

32. <u>AWARD:</u> It-Tribunal, wara li ezamina bir-reqqa l-istqarrija tal-partijiet u s-sottomissjonijiet tar-rappresentanti taghhom, u d-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, wara li ha in konsiderazzjoni il-meriti kollha tal-kaz, jirritjeni li Alfred Pullicino ma kienx jimmeritah il-kastig l-aktar gravi tal-licenzjament. Ghalhekk jaghti dan l-award, billi jiddikjara li Alfred Pullicino ghandu jigi impjegat fl-istess post u bl-istess kondizzjonijiet ta' paga u seniority li kellu fl-20 ta' settembru, 1978 min nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu, 1979, u jithallas b'nofs il-paga li kellu mil-21 ta' ~~Ottubru~~ Settembru, 1978 sal-25 ta' Marzu, 1979 u b'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

G A Craig
President

S Grech
Segretarju

fp